## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 36/2023: **MILLER DISTRIBUTORS LIMITED (C344) V. DAVID SCHEMBRI (KI. 179987M)**

(AMMONT DOVUT – AMMISSJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**29 ta' Mejju 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Miller Distributors Limited[1] ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fil-15 ta' Frar 2023 li permezz tiegħu talbet lil David Schembri ("l-intimat") jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti li iħallasha s-somma ta' disat elef tlett mija seba' u tmenin euro u żewġ ċenteżmi (€ 9,387.02) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa bl-ingrossa u pprovduta mir-rikorrenti lill-intimat fuq inkarigu tiegħu stess (prospett anness mar-rikors promotur u mmarkat bħala Dok MD1), bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mar-rikors u bl-imgħax legali mid-29 ta' Ottubru 2022 sad-data tal-effettiv pagament,

wara li rat in-nota t'ammissjoni ppreżentata mill-avukat tal-intimat, fil-presenza tiegħu stess, quddiem din il-Qorti fl-ewwel seduta tal-kawża ossia fid-29 ta' Mejju 2023[2],

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

[1] Fol 1-5
[2] Fol 14-15

1. Kif ingħad, fl-ewwel seduta tal-kawża, l-avukat tal-intimat ppreżenta fil-presenza tal-istess intimat, nota t'ammissjoni li biha ammetta t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti.

2. Din l-ammissjoni la kienet kwalifikata u lanqas magħmula b'xi kundizzjonijiet u għalhekk anke fuq l-iskorta tal-massima *confessio facta in judicio omni probatione major est* it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti jirriżultaw ġustifikati u jimmeritaw konferma.

**Deċiżjoni**

3. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u:**

    1. **Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' disat elef tlett mija seba' u tmenin euro u żewġ ċenteżmi (€ 9,387.02) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa bl-ingrossa u pprovduta mir-rikorrenti lill-intimat fuq inkarigu tiegħu stess*;***

    2. **Tikkundanna lill-intimat jħallas lill-kumpanija rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax kif mitlub,**

    3. **Fir-rigward tal-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-mandat ippreżentat kontestwalment mar-rikors, dawn jkunu a karigu tal-intimat.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur